L-Orizzont

LORNA VASSALLO

Data tal-Pubblikazzjoni: Il-Gimgha, 1 ta’ Ottubru, 2004

**“It-Tfal ta’ Nikol Grixti”**

Wasal iz-zmien li jittella’ fil-Kwartieri Generali tal-Partit Laburista d-dramm ta’ Alfred Sant “It-Tfal ta’ Nikol Grixti”. Il-produzzjoni ta’ dan id-dramm kienet avventura li zgur qatt mhux se ninsa, u li sad-data li qed nikteb dan l-artiklu digà halliet il-frott taghha.

Kienet holma li saret realtà u li reggghet fuq il-palk lil Dr Alfred Sant bhala kittieb u mhux biss mexxej ta’ partit. U kittieb mhux biss artistiku, izda wkoll politiku. Kienet tifkira ta’ x’gara fl-1979 u x’hassew dak iz-zmien il-Maltin.

Wiehed ma jistax ma jinnotax li minkejja li hija ispirata mill-Helsien politiku ta’ pajjizna u mtella’ f’gheluq il-25 anniversarnu tieghu, waslet (b’certa ironija) fi zminijiet fejn bastimenti navali ta’ zminijietna gmielhom isalpaw fil-Port il-Kbir.

Waslet fi zminijiet fejn il-Helsien politiku taghna, skond hafna, gie mminat bi shubija shiha fl-Unjoni Ewropea u wara li din is-shubija shiha, frott ta’ battalja kbira bejn zewg nofsijiet tal-poplu, halliet it-telliefa u r-rebbieha!

Giet ukoll fiz-zmien meta dawk li dehru li huma r-rebbieha u t-telliefa fil-bidu, issa qeghdin jaraw jekk kinux verament rebbieha jew telliefa!

“It-Tfal ta’ Nikol Grixti” bil-partecipazzjoni ta’ Joyce Grech li se tiddebutta ghall-ewwel darba bhala direttur teatrali, u Anthony Ellul, Simone Zammit, Chris Grech, Mariella Aquilina u Isabelle Scicluna, jittratta dwar il-jum jew il-lejl tal-31 ta’ Marzu, 1979.

Il-familja Grixti tkun qieghda tassisti ghall-bidu u ghat-tmiem. Storikament tkun qieghda tassisti ghall-bidu ta’ “era politika gdida” fejn pajjizna ma kien se jkollu l-ebda sostenn ekonomiku minn imperi barranin, fil-waqt li tkun qieghda tassisti ghal tmiem ta’ era li hafna sostnew li matulha l-Maltin kienu biss servili f’idejn il-barranin u ggieldu gwerer ghall-barranin bla ebda jedd li jiggvernaw fl-istess pajjizhom u jikkontrollaw id-difiza u s-sigurtà tieghu.

Id-dramm joffri diversi diskussjonijiet bejn il-hames karattri li jharsu bil-modi differenti taghhom lejn dan il-jum.

Izda bhala familja l-ahwa Grixti, fil-privatezza ta’ darhom, qeghdin ukoll jassistu ghall-mewt ta’ missierhom. Il-missier li dejjem ghex b’dak li halla warajh il-barrani u litteralment kien ibigh affarijiet qodma ta’ l-Inglizi lill-Maltin.

Il-mewt tal-missier issehh b’certa rassenjazzjoni min-naha tal-familja tieghu. Donnu kulhadd jaf li l-imghoddi wasal biex imut u m’hemm l-ebda triq ohra. Is-simbolu ta’ l-imghoddi nkorporat fil-missier huwa car hafna.

Fl-ahhar tad-dramm ghandna wkoll is-sorpriza. Nassistu ghal bidla fil-karattri u r-reazzjonijiet taghhom fil-mument propju.

X’se jigri lil Stiefnu li mohhu biss fil-flus u li ma jemminx li f’Malta qatt wiehed jista’ jsib gejjieni?

X’tiddeciedi li taghmel Rose li ghaliha Malta tibqa’ l-isbah, minkejja li ilha zmien twil l-Awstralja u zewgha jara futur hemmhekk biss? Kif jinbidel Censu? U martu Marija kif thares lejn it-tqala

taghha? U Nina – ix-xebba b'mohhha mtajjar li ftit li xejn jimpurtaha kemm minn dak li ghaddej barra kif ukoll minn missierha – kif tinbidel fl-ahhar tad-dramm?

Wiehed ifakkar ukoll li wara d-dramm, apparti l-varjetà offruta minn diversi kantanti li se jkantaw temi patrijottici bil-Malti, se ssir ukoll il-premjazzjoni ta' erba' konkorsi bit-tema "Helsien" li tniedew fil-31 ta' Marzu.

Se jigu ppremjati l-ewwel tliet postijiet ghall-ahjar kitba, l-ahjar poezija, l-ahjar arti u xoghol fotografiku. Minbarra hekk fil-*foyer* se tigi organizzata wirja ta' l-iskultur tal-monument tal-Helsien fil-Birgu, Anton Agius.

Id-dramm u s-serata kommemorattiva se jittellghu nhar il-Hadd, 10 t'Ottubru, 2004 fis- 6.15pm. Fit-Teatru tal-Kwartieri Generali tal-Partit Laburista, il-Hamrun. Aktar taghrif fuq in-numru 21249900.

*Ghal kummenti jew suggerimenti iktbuli fuq lornav@onvol.net*